# IL-VISTA PASTORALI TAL-ISQOF BALDASSARE CAGLIARES (1615-1633) LI SARET FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ F'NOVEMBRU 1615

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Mill-Visti Pastorali li għamlu l-Isqfijiet fil-Knejjes Parrokkjali u Knejjes oħra tagħna, wieħed jista' jiġbor bosta tagħrif storiku dwar il-knejjes u l-qagħda tagħhom. Barra dan it-tagħrif wieħed ukoll jista' joħroġ tagħrif ta' folklor u l-qagħda soċjali u ekonomika ta' niesna ta' dak iż-żmien.

Fil-qedem fir-Rabat kien hemm erba' Parroċċi. Tnejn minnhom ta' Savina u ta' San Ġakbu spiċċaw u kien baqa' biss ta' Santa Marija fil-Kastell (illum il-Katidral) u ta' San Ġorġ, illum Bażilika u Kolleġġjata.

Iċ-Ċentru tar-Rabat sa minn żmien il-Preistorja kien u għadu r-Rabat. Kienu dawn iż-żewġ Parroċċi li fihom in-nies t'Għawdex kollu kienu jiġu jaqdu d-dmirijiet spiritwali tagħhom. Hekk li kif jagħrfuna l-istoriċi, kien hemm żmien li lil Kappillani tagħhom kienu jagħtuhom kull sena " Le Primizie" (L-Għexur).[1]

Fuq għaxar snin ilu nkiteb ħafna dwar l-ewwel Parroċċi fil-kampanja u kif kompla sar is-sena l-oħra, 1988, meta l-Isqof Fra David Cocco Palmeri (1684-1711) fis-sena 1688 waqqaf l-erba' Parroċċi.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, li taf twelidha fil-qalba tar-Rabat, dejjem kienet ċentru ta' ħidma pastorali għar-Rabat u għal Għawdex kollu. Minn dejjem kellha kleru kotran, ħaġa wkoll li jsemmiha l-Kan. Ġann Piet Agius De Soldanis (1712-1772), l-istoriku Għawdxi-Rabti, meta kiteb: "Il-Kleru tagħha hu bostani u jaqdiha b'ħerqa l-iktar kbira".[2]

Biżżejjed ngħidu li ma hawnx parroċċi oħra f'Għawdex u f'Malta li għandhom 13 il-quddiesa tal-ħin kuljum u moqdija b'servizz ta' qrar il-jum kollu. Dan is-servizz tal-quddies tal-ħin kien beda fis-sena 1956, fejn għadu sejjer regulari sallum.

Hija ta' interess storiku l-Vista Pastorali ta' l-Isqof Balassare Cagliares (1615-1633) li għamel fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Novembru tas-sena 1615. Minn din il-Vista sejjer nislet dan it-tagħrif storiku.

Wara li tkanta l-Għasar, il-Viżitatur (Mons. Isqof Baldassare Cagliares), ma' visitaturi oħra, invista l-Knisja barra s-swar ta' Għawdex, li hija l-Parroċċa UNIKA fir-Rabat taħt it-titlu ta' San Ġorġ.

Kif ikompli jgħarrafna l-Visitatur, din kellha ċimiterju mdawwar bil-ħitan. Il-bieb il-kbir kien iħares lejn it-Tramontana, u ieħor lejn il-Punent. L-Artal Maġġur kien tal-ġebel, Kellu tvalja u l-ħteġijiet kollha biex jiġi ċelebrat il-quddies. Għandha pittura (Icona) fuq it-tabernaklu li huwa ta' l-injam u ndurat. Il-pittura hija fuq it-tila u turi lil San Ġorġ.

Il-Fonti tal-Magħmudija huwa mingħajr koppla, imma mħares tajjeb. Għandu s-sagrarju tal-ġebel bil-bieba ta' l-injam li ma għandhiex serratura. Il-Visitatur amar biex jinżamm magħluq. Il-Fonti tal-Magħmudija huwa sewwa. Il-Viżitatur amar biex isir pissidi ieħor biex tinżamm fih l-Ewkaristija Mqaddsa. Minn tiegħu ħareġ erba' skudi.

Ġewwa t-Tabernaklu tinżamm l-Ewkaristija Mqaddsa f'pissidi tal-fidda ndurat. L-Artal għandu l-gandlieri u salib u dak kollu li huwa meħtieġ. Fuq in-naħa ta' l-artal fil-ħajt hemm rewwieħa magħluqa, miksija bl-injam u bil-ħarir. Fiha jinżammu ż-żjut tal-Katekumini u tal-Griżma tal-Morda.

Il-Viżitatur amar biex f'xahrejn tinxtara magħrfa biex jgħammdu biha, u ta' hekk ta lill-Kappillan minn tiegħu, żewġ zekkini.

F' din il-Knisja hemm fuq ix-xellug, mibnija sabiħa, il-kappella ta' Santa Katerina. Fiha artal li ma għandux il-bżonnijiet kollha. Minn tagħrif mogħti mir-Rev.du Don Angelo Modlun, Kappillan u Vaerju Cauchi, din il-Kappella għandha dħul ta' seba' skudi minn fuq art f'din il-gżira fin-naħa Ta' Sannat li jagħmel minnha r-Rev.du Don Marianu Testaferrata biex iqaddes quddiesa fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn.

Fuq il-bejt tal-Knisja hemm qampiena antika ħafna. Il-Kappillan Modlun ġie mistoqsi pjaneta tal-ħarir isfar, bi stola u l-maniplu, alba u żewġ ventartali, wieħed tal-ħarir aħmar u l-ieħor tal-ħarir isfar. Għandha tmien tvalji, kalċi tal-fidda ndurat bil-patena. L-ispejjeż taż-żjut u tax-xema' huma amministrati mill-Knisja. Għandha sangristija kbira.

Mistoqsi l-Kappillan Modlun jekk għandux xi tagħrif dwar ħwejjeġ li ntilfu jew xi oħrajn li ttieħdu, qal li ma għandu l-ebda tagħrif.[3]

Minn din il-Vista Pastorali li l-Isqof Baldassare Cagliares għamel fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, illum Bażilika u Kolleġġjata, 374 sena ilu, wieħed jista' jislet tagħrif dwar li l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kienet "IL-PARROOĊĊA UNIKA" fir-Rabat; il-Knisja kellha Ċimiterju mdawwar minn kullimkien bil-ħajt; il-pittura ta' San Ġorġ fuq it-tila; il-Kappella ta' Santa Katerina; u l-Qanpiena antika ħafna fuq il-bejt tal-Knisja.

J'Alla 'l quddiem wieħed ikompli joħroġ iktar tagħrif fuq il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat t'Għawdex, liema Parroċċa dejjem baqgħet żgħażugħa, mimlija dejjem b'demm ġdid fil-ħajja pastorali, li qatt ma waqfet fil-ħidma qaddisa għall-ġid tal-erwieħ tar-Rabat u Għawdex kollu.


**REFERENZI**

1 Alexander Bonnici O.F.M. Conv. "Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex" 1973 - p.83

2 Mons. Ġużeppi Farrugia "Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu" - It-Tieni Ktieb - p.46.

3 A.E.G. V.P. Cagliares - 1615.


**Nota:** Ħajr lil Kan. Penit Luigi Camilleri li għeni fil-qari tal-Manuskritti.

*jaqbad minn paġna 33*

f'oħra akbar, ħalli tinste,a' aktar minn nies ta' l-inħawi.

**Egħluq.** S'hawn fil-qosor iwassal it-tagħrif li sibna dwar din il-knisja: forsi l-ewwel Knisja ta' San Ġorġ fil-gżejjer tagħna. Ir-riċerka ma tieqafx hawn, u fadlilna tama qawwija li nkunu nafu aktar dwarha. Waqafna hawn u ma tajniex id-dettalji kollha għax dan ser ikun parti waħda minn studju sħiħ dwar il-benefizi imsemmijin għal San Ġorġ. Din il-knisja antikissima ta' San Ġorġ, bil-ħaqq kollu jixirqilha studju aktar sħiħ u fid-dettall. Ta' min joħroġ għad-dawl sew dak li fadal moħbi wara bieb goff ta' garage! Wisq probabbli li l-ilma u l-umdu kienu l-fatturi li waslu fix-xifer l-abbandun tagħha. Iżda llum m'għadux problema sa barra, għax din in-"in-nixxiegħa ta' San Ġorġ" qabadha l-gvern fl-1864 u kull ħin jipponpja minnha l-ilma lejn il-ġibjuni. Spiċċa l-**viridarium,** il-ġnien saqwi jħaddar ta' Ġebel Ciantar, in-nies tbattlet ukoll, il-Knisja effossam in saxo, imħaffra fil-blat, moħbija..... u tidher biss naqra ta' kamra li turi l-mina tan-nixxiegħa... jinstema' biss il-ħoss tal-pompi. Spiċċat il-lapida tal-guspatronat li waqqfet il-Barunissa Galea Gatto Inguanez... u fuq il-bieb tal-kmajra kitbu: "ST. GEORGE'S SPRING".